**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru 2022 permezz ta' *video conferencing.*

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Donnha Barbara – Viċi Sindku

Daniel Ablett – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

Abigail Sammut – Kunsillier

Doris Zammit – Kunsillier

Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Ralph Puli – Kunsillier

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

George Muscat – Kunsillier

Abigail Sammut - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Ralph Puli, George Muscat, Carmel Cuschieri u Abigail Sammut talbu li jkunu skużati.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill Lokali qed ikollu bosta diffikultajiet bil-ħmieġ li qed jintrema' madwar il-magni tal-BCRS, b'mod partikolari fi Triq il-Wied. Is-Sindku spjega li r-residenti qed jispiċċaw jarmu kull xorta ta' skart madwar dawn il-magni, b'mod partikolari l-flixkien li ma jiġux aċċettati mill-magni.

**Il-Kunsillier Martina Grech** ġibdet l-attenzjoni li l-magna ta' Triq il-Wied qed timblokka bieb ta' dar privata. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jista' jkun li l-magna qed tgħatti l-viżwal tal-bieb in kwistjoni iżda bl-ebda mod mhu timblokka xi bieb.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** pruvat tispjega li l-Kumpanija responsabbli minn dawn il-magni kienu kkonsultaw mal-Kunsill Lokali u ngħataw l-okkażjoni jindikaw fejn għandhom isiru dawn il-magni. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** saħaq li dawn il-magni qed jikkawżaw biss ħmieġ fil-lokalita' u għaldaqstant għandhom jitneħħew b'mod immedjat. Is-Segretarju Eżekuttiv pruvat tispjega li din hija *policy* nazzjonali u l-Kunsill ma jistax imur kontra tali *policy*. Barra minhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li r-residenti qed iħallu l-ħmieġ u mhux il-magni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfexx f'attakk sħiħ kontra s-sistema tal-BCRS u kontra min kien wara tali deċiżjoni li jiġu ntrodotti dawn il-magni.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** nfurmat li kienet se toħroġ mil-laqgħa għaliex ħassitha nġurjata b'dak li qal is-Sindku fil-konfront tagħha.

Il-laqgħa kellha tiġi sospiża minħabba nuqqas ta' *quorum*.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. minħabba nuqqas ta' quorum.

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |